MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2011

Mandat Numru. 897/2011/1

**Walter Zammit**

**vs**

**Dr. Franco B. Vassallo (I.D. Nru. 532261 (M)) bhala mandatarju specjali ta' l-assenti Vladimir Cosic (Passaport Olandiz Nru. NH7615928) u Aart Kruimer (Passaport Olandiz Nru, NE4172683)**

**Il-Qorti,**

Rat il-mandat fuq indikat datat il-5 ta' Lulju, 2011, ikkonfermat bil-gurament mill-istess rikorrenti Zammit, li permezz tieghu, biex ir-rikorrenti jikkawtela d-drittijiet tieghu, talab li jzomm lill-intimati fuq indikati milli jipprocedu bl-esekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament mahrug fuq il-fond 136, Tower Road, Sliema, fil-konfront tal-istess rikorrenti Zammit;

Rat id-digriet taghha datat il-5 ta' Lulju, 2011, li permezz tieghu wara li provizorjament laqghet l-imsemmi rikors promotur, appuntat l-istess rikors ghas-smiegh fid-data hemm indikata, (ara fol 1 u fol 5);

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors promotur;

Rat ir-risposta tal-intimati nomine et datata t-8 ta' Lulju, 2011, li permezz taghha sintetikament esponew is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti Zammit m'ghandu ebda titolu ta' kirja minghand is-socjeta` O.G. Company Limited;

2. Illi t-titolu ta' kirja li r-rikorrenti kellu fuq il-fond in dizamina kienet lilu koncessa minn Cosic u Kruimer u hija datata s-16 ta' Lulju, 2007, (ara fol 26);

3. Illi l-istess rikorrenti jirrizulta li kien parti fil-proceduri ta' zgumbrament, skont ir-rikors numru 79/2009;

4. Illi hawn si tratta ta' sentenza li ghaddiet in gudikat;

5. Illi l-intimati odjerni, di piu`, jallegaw frodi u qerq da parti tar-rikorrenti odjern, fejn addirittura l-azzjoni odjerna hi tastell iehor fl-attwazzjoni tal-imsemmi raggir;

6. Illi in vista tal-premess allura, il-procedura adoperata mir-rikorrenti Zammit hija wahda irregolari peress li permezz tal-istess qed jipprova jattakka sentenza li ghaddiet in gudikat;

7. Illi in vista tal-premess, l-intimati fuq indikati jissottomettu li t-talba tar-rikorrenti Zammit ghandha tigi michuda bl-ispejjez;

Rat il-verbal taghha datat il-11 ta' Lulju, 2011, li permezz tieghu ikkoncediet lir-rapprezentant legali tar-rikorrenti li jezamina r-risposta tal-intimati sad-data hemm indikata u ddifferiet il-procedura ghad-digriet kamerali taghha skont il-ligi;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti Zammit datata t-22 ta' Lulju, 2011;

Rat in-nota responsiva tal-intimati datata l-25 ta' Lulju, 2011;

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament ghandu jinghad li fl-udjenza tal-11 ta' Lulju, 2011, ma jirrizultax li r-rapprezentanti tal-partijiet inghataw il-possibilita` li jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet u nota responsiva rispettivament;

Illi nonostante cio`, din il-qorti tiddikjara li qed tiehu konjizzjoni tal-istess minkejja n-nuqqas tad-debita awtorizzazzjoni skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

Illi in sintesi, r-rikorrenti jsostni s-segwenti fl-imsemmija nota tieghu;

1. Illi permezz ta' skrittura privata datata 1 ta' Settembru, 1992, is-socjeta` O.G.Company Limited kriet il-fond meritu tar-rikors odjern lir-rikorrenti Zammit;

2. Illi sussegwentement l-istess rikorrenti jsostni li gab il-permessi necessarji u fetah hanut;

3. Illi wara, senjatament fil-15 ta' Dicembru, 2006, giet effettwata rexissjoni u l-proprjeta` allegatament irriveriet lill-konjugi Camilleri;

4. Illi fis-16 ta' Lulju, 2007, saret skrittura ta' lokazzjoni mal-intimati Cosic u Kruimer, li

eventwalment giet xolta permezz ta' skrittura privata datata d-9 t'April, 2008;

5. Illi l-iskrittura datata 1 ta' Settembru, 1992, hi t'ostakolu ghall-izgumbrament in dizamina;

6. Illi konsegwentement ir-rikors odjern ghandu jigi akkolt;

Ikkunsidrat:

Illi in sintesi, l-intimati komplew jissottoleneaw is-segwenti fl-imsemmija nota risponsiva taghhom;

1. Illi d-dokument li r-rikorrenti qed jibbaza l-argument tieghu fuqu, qatt ma gie esebit fl-original fl-atti ta' din il-procedura;

2. Illi di piu`, ma giet esebita l-ebda ricevuta ta' hlas ta' kera nonostante l-allegata kirja vantata mir-rikorrenti;

3. Illi l-allegata ezistenza ta' zewg kirjiet fuq l-istess fond, senjatament fl-1992 u fl-2007, hi inverosimili;

4. Illi l-procedura tal-appell riferita mill-partijiet ma jirrizultax li kienet giet segwita;

5. Illi konsegwentement ir-rikors odjern ghandu jigi respint;

Ikkunsidrat:

Illi fit-termini tal-artikolu 873 tal-Kap 12 l-elementi essenzjali hemm stipulati li jippermettu li persuna tinzamm milli taghmel xi haga, tkun li tkun, li tista' tkun ta' hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat odjern, huma sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-mandat hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti;

2. Illi r-rikorrenti *prima facie* jidher li ghandu dawk id-drittijiet minnu vantati;

3. Illi kemm –il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq ma jkunx jista' jigi rimedjat;

Ikkunsidrat:

Illi l-azzjoni li fuqha jirrizultaw li qed joperaw l-intimati fuq indikati, tidher li hi naxxenti minn sentenza li ghaddiet in gudikat, (ara paragrafu numru 5 a fol 13);

Illi ghalhekk wiehed mir-rekwiziti essenzjali ghall-akkoljiment tat-talba tar-rikorrenti huwa mankanti stante li ma jirrizulta li ghandu l-ebda jedd fir-rigward kif stipulat fl-imsemmi artikolu 873 tal-Kap 12 fuq indikat;

Ikkunsidrat:

Illi la wiehed mill-imsemmija elementi essenzjali rikjesti ghall-akkoljiment tat-talba tar-rikorrenti huwa mankanti, din il-qorti hi prekluza milli takkolji l-istess talba stante li dawn l-elementi ma humiex debitament sodisfatti fit-termini esposti;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li takkolji r-risposta tal-intimati fuq indikati, tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti Walter Zammit stante li r-rekwiziti essenzjali stipulati fl-artikolu 873 tal-Kap 12 ma jirrizultax sodisfatti skont il-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti Walter Zammit.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------